**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors numru : 483/2015 AL

AB
Vs
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu :

Illi l-esponenti zzeweg lill-intimata nhar it-23 ta' Settembru 1995, skont kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dokument A;

Illi minn dan iz-zwieg twieled iben wiehed, S illi twieled fit-23 ta' Gunju 1997 u ghalhekk illum ghandu tmintax-il sena;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irrimedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi, u effettivament huma ilhom isseparati legalment sa mis-26 ta' Gunju 2006, permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana,

hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. B, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-Artikolu 6B(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi llum –il gurnata l-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin u effettivament l-esponenti ghandu relazzjoni ma' terza persuna, u li minnha ghandu wild iehor, u ghalhekk ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. B'hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit tal-Artikolu 66B(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi skont kif gie miftiehem bejn il-partijiet, ir-rikorrenti obbliga ruhu illi jhallas lill-intimata s-somma ta' €240 kull xahar, ghall-wild Shaun, liema manteniment ghadu qieghed jithallas regolarment;

Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-23 ta' Settembru 1995, ai termini tal-Artikolu 66B(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja tal-hall taz-zwieg, ossia divorzju bejn il-partijiet, sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru, 2015;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma kellha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Gunju 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.